IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **DATA:** | 14 ta' Mejju 2013 |
| **ĦIN:** | mill-4.00 p.m. sas-7.00 p.m. |

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Wieġeb it-taqsimiet kollha.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

Agħżel suġġett u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

*30 marka*

1. Il-Belt Valletta: belt kapitali Ewropea tal-kultura?
2. Taħseb li f'Malta koppji tal-istess sess għandu jkollhom id-dritt jiżżewġu, bħalma għandhom f'xi pajjiżi Ewropej?
3. Ħbieb li kapaċi jisimgħu lil xulxin.
4. L-aħħar tlitt ijiem ta' ħajti.
5. Studji reċenti jissuġġerixxu li l-logħob tal-kompjuter, speċjalment logħob interattiv li jinvolvi iktar minn persuna waħda, huwa iktar dinamiku għall-iżvilupp tal-moħħ mill-ħin mgħoddi quddiem it-televiżjoni.
6. Jien nigdeb.

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

Wieġeb mistoqsija **waħda** biss. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

7. L-ilsien Malti mal-medda taż-żmien kellu jinfetaħ u jilqa' fih għadd ta' kliem ġdid biex jibqa' lsien ħaj u effettiv. Agħti l-fehma tiegħek.
8. Ikteb dwar it-trasferiment metaforiku u metonimiku, l-omonimija u l-omofonija fil-lingwa Maltija.
9. Il-prefissi, l-infissi u s-suffissi huma għodda siewja fil-morfoloġija Maltija biex jinħoloq kliem ġdid.

***aqleb***

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IL-POEŻIJA

Wieġeb mistoqsija **waħda** b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.

*20 marka*

10. Kultant l-ambjent naturali huwa t-tema ewlenija tal-poeżija; drabi oħra, isir għodda f'idejn il-poeti biex jiktbu dwar temi oħrajn.

11. Minkejja d-differenzi ta' bejniethom, il-bnedmin ifittxu li jibnu relazzjonijiet ma' bnedmin oħrajn. Kif jittrattaw dawn ir-relazzjonijiet il-poeti Maltin?

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

Wieġeb mistoqsija **waħda**. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.

*20 marka*

12. Fid-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, Ġorġ kemm-il darba jiddeskrivi lill-folla anonima tal-belt bħala "nagħaġ" u "mogħoż." Taħseb li din hija deskrizzjoni goffa u inġusta tal-maġġoranza tan-nies tal-belt, jew tassew tirrifletti l-mentalità tagħhom u l-mod kif iġibu ruħhom matul id-dramm?

13. "Il-verità qisha tiddi ġo fik, xwejjaħ," jgħid Ġorġ lil Menz fl-ewwel att, "qawwija u għoddha għammxitni. Kultant hi qawwija żżejjed. Qisha mhix għalina l-bnedmin – dgħajfin wisq aħna biex inlaħħqu magħha. Ħu paċenzja aktar bina." X'dawl jitfa' dan il-kliem ta' Ġorg fuq il-mistoqsijiet il-kbar li jqanqal dan id-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer?

14. Għall-bidu, ir-rumanz ta' Ġużè Ellul Mercer donnu jappoġġja l-moħħ fittiexi ta' Leli, iżda fl-aħħar tar-rumanz jikkonkludi li l-kawża ewlenija tal-marda mentali ta' Leli hija l-kotba li qara. Ikkummenta.

15. Għalkemm huwa l-ewwel rumanz Malti b'element psikoloġiku qawwi, *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer għandu wkoll dimensjoni soċjali evidenti. Ikteb dwar ir-realtajiet soċjali f'Malta tal-ewwel deċennji tas-seklu 20 kif jidhru f'dan ir-rumanz tal-1938.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 8 ta' April 2013 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

# Id-Dar Ideali Tiegħek

- Immaġina li għandek il-flus biex tikseb jew tibni d-dar ideali tiegħek...
- Fejn tagħżel li tmur toqgħod?
- Bogħod mill-familja tiegħek, jew kemm jista' jkun qrib?
- Tixtri, tikri?
- Flett, dar?
- Fil-kampanja jew fil-belt?
- Qalb in-nies, jew kemm jista' jkun 'il bogħod min-nies?
- Dar kbira bi kmamar spazjużi, jew aħjar iċ-ċokon, kollox miegħek?
- Tibniha int, biex ikollok kontroll fuq kollox, jew tara xi ssib għall-bejgħ, ngħidu aħna dar antika, b'karattru uniku?
- Tqis kwistjonijiet ambjentali meta tagħżel id-dar ideali tiegħek? Jinkwetak il-fatt li l-art f'Malta hija limitata?
- **Fatt attwali**: Jingħad li hawn mas-70,000 dar vojta f'Malta. Tgħid aħjar tagħżel waħda minn dawk?

# Ir-Rwol tar-Reliġjon f'Soċjetà li Dejjem Tinbidel

- **Ġrajja attwali**: Ir-riżenja mhux mistennija tal-Papa Benedittu XVI minn kap tal-Knisja Kattolika reġgħet qanqlet id-dibattitu f'Malta dwar is-sehem tar-reliġjon, tkun liema tkun, fil-ħajja ta' kuljum.
- Fid-diskors tar-riżenja, il-Papa tkellem dwar l-isfidi tar-reliġjon f'dinja li fiha qed iseħħ tibdil malajr u fejn kontinwament jinqalgħu kwistjonijiet kbar li huma rilevanti ħafna għall-fidi.
- Irrispettivament minn jekk tipprattikax reliġjon, kemm taħseb li hi rilevanti r-reliġjon illum għas-soċjetà Maltija? Għaż-żgħażagħ Maltin?
- Minkejja d-dominanza tar-reliġjon Kattolika, f'Malta minn dejjem kien hemm reliġjonijiet differenti. Taħseb li din il-varjetà hija pożittiva? Għaliex?
- Inti taqbel li studenti ta' reliġjonijiet mhux Kattoliċi jattendu skejjel tal-Knisja Kattolika?
- Taħseb li studenti mhux Musulmani għandu jkollhom l-opportunità li jattendu skola Musulmana?
- Taħseb li għandu jkun hemm simboli reliġjużi f'postijiet pubbliċi jew taħseb li r-reliġjon hija biss xi ħaġa privata tal-persuna?
- Tagħti piż speċjali lil dak li jsir u jintqal minn mexxejja tar-reliġjon bħall-Papa tal-Kattoliċi jew l-Imam tal-Musulmani?

# L-Attività Fiżika u l-Ikel li Nieklu

- **Fatt attwali**: Studju xjentifiku fir-rivista medika prestiġjuża *The Lancet* sab li f'Malta madwar mewta waħda minn kull ħamsa hija kkaġunata minn nuqqas ta' attività fiżika.
- Instab ukoll li 72% tal-Maltin jgħixu stili ta' ħajja li fihom m'hemmx attività fiżika.
- Skont l-istudju, kull persuna trid tagħmel mhux inqas minn sagħtejn u nofs ta' attività fiżika fil-ġimgħa, ngħidu aħna, nofs siegħa mixi b'ċerta ħeffa, ħames darbiet fil-ġimgħa.
- Jista' jkun li hija problema ta' kultura, ta' kif ngħixu aħna l-Maltin u kif jgħixu n-nies fil-Mediterran? L-istudju juri li fil-Mediterran imutu iktar nies minħabba l-inattività milli fi bnadi oħrajn tad-dinja.
- X'taħseb li tista' tkun ir-raġuni?
- Iċ-ċokon tal-gżira? Il-popolazzjoni esaġerata? It-temp tajjeb li jgħażżinna? Forsi għax anki mentalment aħna "sedentarji" (inqattgħu ħafna ħin bilqiegħda) wisq?
- Il-problema tal-ħxuna żejda hi assoċjata man-nuqqas ta' attività imma anki mal-ikel li nieklu.
- Il-ħtieġa ta' ikel bnin fl-iskejjel. Taqbel li għandu jkun hemm regoli stretti fuq x'tip ta' ikel jinbiegħ jew jitqassam fi skola? Jew kulħadd għandu jagħżel hu x'jixtri u x'jiekol?
- X'jista' jsir biex din il-problema nazzjonali tingħeleb?
- Taħseb li l-hekk imsejħa "dieta Mediterranja" tista' tkun waħda mis-soluzzjonijiet?
- Taħseb li l-isports jingħata biżżejjed importanza mill-poplu inġenerali?
- Hemm biżżejjed attività sportiva fl-iskejjel Maltin?
- Teżisti kultura ta' attività fiżika, fost l-oħrajn ta' sports, fost il-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol? Jeżistu biżżejjed faċilitajiet għall-attività fiżika fil-brejk fuq il-postijiet tax-xogħol?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 9 ta' April 2013 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

GĦALL-EŻAMINATURI BISS

## Taħseb li n-Nisa għandhom Inqas Opportunitajiet mill-Irġiel f'Malta, Speċjalment fuq il-Post tax-Xogħol?

- Taħseb li n-nisa f'Malta għandhom l-istess opportunitajiet li għandhom l-irġiel fejn jidħol l-istudju?
- Għaliex hemm iktar studenti nisa l-Università imma f'ħafna postijiet tax-xogħol issib maġġoranza ta' rġiel, speċjalment fl-ogħla pożizzjonijiet?
- Taħseb li n-nisa għandhom l-istess opportunitajiet fejn jidħol ix-xogħol?
- Taħseb li hemm ħafna nisa li għalihom ix-xogħol mhuwiex prijorità?
- Taħseb li teżisti kultura f'Malta li ma tħeġġiġx lin-nisa biex jibqgħu jaħdmu?
- Hemm xogħlijiet li n-nisa ma jistgħux jagħmlu minħabba li huma nisa u mhux għax mhumiex kapaċi?
- Hemm xogħlijiet li l-irġiel ma jistgħux jagħmlu minħabba li huma rġiel u mhux għax mhumiex kapaċi?
- Fejn jidħol ix-xogħol bil-lejl, in-nisa jħossuhom liberi u protetti biżżejjed biex imorru minn post għal ieħor?
- Taħseb li n-nisa jitħallsu daqs l-irġiel għall-istess xogħol?
- **Fatt attwali**: Studju reċenti juri li f'Malta, bħala medja, in-nisa jaqilgħu inqas mill-irġiel, kultant anki għall-istess tip ta' xogħol.
- Taħseb li xi nisa forsi draw (jew isibuha komda) li joqogħdu passivi u jħallu d-deċiżjonijiet f'idejn l-irġiel?
- Din taraha ġlieda bejn in-nisa u l-irġiel jew ċaqliqa tas-soċjetà sħiħa lejn stadju ġdid, iktar demokratiku?

## Il-Faqar Materjali f'Malta

- Xi jfisser għalik "faqar materjali"?
- Min huma n-nies li huma materjalment fqar?
- Romol, anzjani li m'hemmx min jieħu ħsiebhom, familji b'ġenitur wieħed, nies bla xogħol, persuni b'diżabilità, familji kbar, familji li fihom hemm il-mard, nies li jitħallsu biss tas-sigħat li jaħdmu u li ma jitħallsux meta jkunu ma jifilħux jew meta ma jkunx hemm biżżejjed xogħol għalihom...
- Minn xiex ikollhom jiċċaħħdu l-aktar il-fqar?
- **Fatt attwali**: Skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, f'Malta jeżisti l-periklu li 64,000 ruħ, fosthom kważi 17,000 tifel u tifla, jibdew jgħixu fil-faqar. Qed nitkellmu fuq 15% tal-popolazzjoni Maltija.
- Taħseb li dawn il-fqar, jew nies li jistgħu jispiċċaw jgħixu fil-faqar, jeżistu verament? Jekk iva, għaliex ma nitkellmux iżjed fuqhom? Għaliex taħseb li "ma jidhrux" daqshekk?
- Rapport reċenti kkummissjonat mill-Caritas ta' Malta jispjega li dawn il-foqra huma nies li ma jħallsux il-kontijiet tad-dawl biex jixtru l-ikel għal uliedhom, jew tfal li jieklu għaġin u ħobż biss. Huma wkoll nies li jinġabru wara l-bibien tal-uffiċċji parrokkjali biex jieħdu l-ikel tal-Unjoni Ewropea b'xejn.
- F'Malta taħseb li jeżistu nies jgħixu fit-toroq? Jeżistu tallaba?
- Ġieli ħsibt fuq il-faqar materjali "relattiv," jiġifieri li jekk ma tkunx liebes ċertu tip ta' ħwejjeġ titqies bħala fqir jew fqira? Taħseb li dan jista' jissejjaħ faqar?
- Tibża' li għad xi darba inti jew persuni qrib tiegħek jistgħu jispiċċaw jgħixu fil-faqar?

## Skejjel Kbar u Skejjel Żgħar fil-Livell Sekondarju u fil-Livell Postsekondarju

- **Fatt attwali:** Malta u Għawdex illum għandhom għaxar kulleġġi statali kbar li jiġbru fi ħdanhom l-iskejjel statali primarji u sekondarji. Żdiedu wkoll il-kulleġġi tal-Knisja u indipendenti.
- Taqbel li skola żgħira qisha familja kbira, u skola kbira qisha raħal żgħir?
- Tippreferi skola żgħira, fejn issir taf l-istudenti kollha tas-sena tiegħek, u anki l-oħrajn?
- Wara kollox, hemm għalfejn tkun taf lil kulħadd?
- Jew tippreferi skola kbira, fejn ikun hemm firxa kbira ta' studenti, b'fehmiet, esperjenzi, attitudnijiet, interessi differenti?
- Kulleġġi kbar aktarx joffru aktar riżorsi u faċilitajiet, bħal laboratorji attrezzati, libreriji, swali għall-attivitajiet teatrali, u faċilitajiet għall-isports.
- Skejjel kbar: l-istudenti jħossuhom qishom numri? F'kulleġġ kbir ikun hemm iktar indifferenza min-naħa tal-amministrazzjoni, l-għalliema u l-istudenti?
- Ikun iktar hemm bullying fi skola kbira? Jew ma tagħmilx differenza?
- Fi skola żgħira hemm studenti li jħossuhom iktar milqugħin, iktar komdi u rispettati. Aktarx ikollhom iktar kuntatt mal-għalliema...
- Studenti oħrajn donnhom skola żgħira taqtgħalhom nifishom, iħossu li kulħadd għajnejh fuqhom...

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 10 ta' April 2013 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

## Metodi Ġodda ta' Tnissil Uman

- **Ġrajja kurrenti**: F'dawn l-aħħar xhur kien hawn dibattitu fit-tul dwar liġi tal-fertilizzazzjoni tal-bajd fil-laboratorji biex koppji li ma jkunx jista' jkollhom it-tfal b'mod naturali jkunu jistgħu jippruvaw ikollhom it-tfal bl-għajnuna tax-xjenza moderna.
- Dan ilu jsir madwar għoxrin sena f'Malta imma issa l-Parlament Malti daħħal liġi apposta biex ikun hemm regoli stabbiliti għat-tobba u l-koppji.
- B'mod ġenerali, għalik x'inhi d-differenza bejn metodu naturali u metodu artifiċjali ta' tnissil?
- Taqbel li koppja għandha dritt tagħmel dak kollu li hu possibbli biex ikollha t-tfal tagħha?
- Dan jista' jinkludi trattamenti mediċi biex il-mara tinqabad tqila, biex koppja jkollha t-tfal.
- X'taf dwar il-liġi l-ġdida tal-IVF? Segwejtu d-dibattitu?
- Il-Moviment ta' Cana stqarr li kulfejn daħlet il-liġi tal-IVF kien hemm l-abbużi u l-liġi wittiet it-triq biex jiġi aċċettat l-abort. Taħseb li intervent artifiċjali fil-proċess riproduttiv tal-bnedmin jista' jwassal biex eventwalment jidħol l-abort f'Malta?
- Min-naħa l-oħra hemm tobba li jsostnu li jekk il-liġi Maltija ma tantx tagħti ċans lit-tobba jippruvaw metodi differenti biex il-koppja jkollha t-tfal, ħafna koppji jispiċċaw isiefru biex jagħmlu dawn it-trattamenti barra minn Malta.
- Taħseb li teżisti stigma kontra tfal li jitwieldu b'sistema hekk imsejħa artifiċjali? Taħseb li teżisti stigma kontra l-ġenituri tagħhom?
- Taqbel mal-inseminazzjoni artifiċjali fil-ġisem tal-omm, bil-bajda u l-isperma tal-koppja stess, jew anki bil-bajda jew l-isperma minn "bank" apposta? It-tarbija għandha tkun taf ta' min kienet l-isperma jew il-bajda jekk ma kinitx tal-ġenituri tagħha?
- Taċċetta kieku li mara titqabbad biex iġġorr il-fetu f'ġufha għal koppja li ma jistax ikollha t-tfal tagħha?
- Jekk koppja jibqa' ma jkollhiex tfal tagħha, taħseb li għandha tikkunsidra l-"fostering" jew l-adozzjoni minflok dawn il-metodi "artifiċjali" ta' tnissil?

## L-Istazzjonijiet Nazzjonali tax-Xandir

- Taħseb li pajjiż għandu jkollu, kif għandha Malta, stazzjonijiet nazzjonali tar-radju u tat-televiżjoni ffinanzjati minn flus il-poplu biex joffru servizz pubbliku?
- X'għandu jkun dan is-servizz pubbliku? Ta' informazzjoni, edukazzjoni, kultura ta' kwalità, divertiment, promozzjoni tal-lingwa nazzjonali?
- L-istazzjonijiet nazzjonali għandhom jikkompetu mal-istazzjonijiet privati għall-akbar udjenza jew għall-aħjar kwalità ta' programmi? Tista' toffri programmi tajbin li jkunu wkoll popolari? Dejjem? Għal kulħadd?
- Taqbel li l-partiti politiċi jkollhom l-istazzjonijiet televiżivi u radjofoniċi tagħhom?

- Taqbel li minbarra l-istazzjonijiet televiżivi, iż-żewġ partiti ewlenin rappreżentati fil-Parlament ikunu involuti wkoll fit-treġija tax-xandir f'Malta? Taqbel mas-sehem dirett tagħhom fl-Awtorità tax-Xandir?
- Taħseb li l-istazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ partiti jagħtu l-impressjoni li jeżistu żewġ pożizzjonijiet biss, u kważi dejjem opposti, fuq kollox?
- F'pajjiżi oħrajn fl-Ewropa ma jeżistux stazzjonijiet tal-partiti li għandhom prominenza fuq skala nazzjonali.
- Kemm tiddomina l-mezzi tax-xandir il-politika tal-partiti, speċjalment fejn jidħlu l-istazzjonijiet nazzjonali tat-televiżjoni u r-radju?
- **Fatt attwali**: Żewġ gazzetti Maltin bl-Ingliż, *The Times* u *Malta Today*, issa qegħdin joffru servizzi awdjoviżivi li tarahom fuq l-internet, qisek qed tara t-televixin. Sikwit l-intervisti u r-rapporti jkunu bil-Malti avolja l-gazzetti huma bl-Ingliż. Taħseb li dan l-iżvilupp juri kif se jkunu l-istazzjonijiet televiżivi ewlenin tal-futur?

## Il-Karnival Ideali Tiegħek

- Immaġina li għandek f'idejk il-Karnival ta' Malta: kif torganizzah?
- Tħallih f'idejn in-nies u ma tindaħlilhomx?
- Il-karnival għandu jkun minnu nnifsu "spontanju"? Dejjem? F'kollox? Jew anki l-ispontanjetà teħtieġ preparazzjoni u organizzazzjoni?
- **Fatt attwali:** Ir-referenzi għall-politika fil-Karnival mhumiex kontra l-liġi. Kieku inti tħalli lin-nies jiċċajtaw fuq il-politika u jiġbdu saqajn il-politiċi? Jew tibża' li l-Karnival jispiċċa kontinwazzjoni tat-taqbidiet bejn il-partiti politiċi li jkun hemm matul is-sena kollha?
- Kieku inti tippermetti kull tip ta' ċajt politiku?
- Fil-Karnival ideali tiegħek kieku inti tħallihom jilbsu ta' qassisin u sorijiet in-nies? Jew taħseb li l-Knisja u r-reliġjon Kattolika m'għandhomx jitwaqqgħu għaż-żuffjett? Taħseb li ċajt bħal dan fil-Karnival jista' jweġġa' s-sentimenti ta' min jemmen u jipprattika r-reliġjon tiegħu?
- Taħseb li għandu jkun hemm ċajt u żuffjett marbut ma' reliġjonijiet oħrajn fil-Karnival?
- **Fatt attwali**: Din is-sena parti sew mill-Karnival tħarbat minħabba l-maltemp. Kieku inti l-Karnival meta tagħmlu? Tħallih fi żmienu, eżatt qabel ir-Randan? Jew tressqu iktar lejn is-sajf, biex ikun hemm aktar ċans ta' bnazzi?
- Kieku inti tagħmel attivitajiet ċentralizzati jew tinkoraġġixxi iktar karnivali fl-irħula u l-ibliet madwar Malta u Għawdex?
- Taħseb li meta karnival spontanju ssir ħafna pubbliċità għalih, bħalma ġara fil-każ tal-Karnival spontanju tan-Nadur, tirrovinah? Toqtollu l-ispirtu tiegħu?
- Jista' jkollok Karnival li fih ħadd ma jieħu għalih?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 11 ta' April 2013 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-istudenti jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**GĦALL-EŻAMINATURI BISS**

# Il-Ġbir tal-Fondi għall-Karità fil-Gżejjer Maltin

- F'Malta jsir ħafna ġbir ta' fondi, speċjalment għal għanijiet filantropiċi, biex jgħinu lin-nies fil-bżonn.
- Jinġabru l-fondi f'inizjattivi individwali għal każijiet speċifiċi, bħal meta jkun hemm tfal li jkollhom bżonn jagħmlu operazzjoni barra minn Malta.
- **Statistika importanti**: Imma jsir ukoll ġbir fuq skala nazzjonali: Fil-kampanja li saret għall-Malta Community Chest Fund li laħqet il-qofol tagħha fl-*Istrina* f'Diċembru tal-2012 inġabret is-somma rekord ta' €3.3 miljun (tliet miljun ewro punt tlieta, jew tliet miljun u tliet mitt elf ewro).
- Għaliex in-nies jagħtu l-flus lill-għaqdiet filantropiċi u lill-individwi fil-bżonn?
- Għax il-"Maltin ġenerużi"?
- Biex iserrħu l-kuxjenza tagħhom li qed jagħmlu xi ħaġa għal ħaddieħor?
- Għax jagħmlu bħal kulħadd, jew biex jikkompetu ma' ħaddieħor?
- Taħseb li għandu effett fuq il-Maltin is-sentiment ta' karità li tiżra' f'ħafna Maltin ir-reliġjon?
- **Fatt attwali**: Fl-ewwel tas-sena tal-2013 saret il-Maratona Ġbir ta' Fondi b'risq id-Dar tal-Providenza li fiha nġabret is-somma ta' madwar miljun ewro. Din wara l-ġbir li kien diġà sar f'Diċembru mill-partiti politiċi ewlenin u mill-Malta Community Chest Fund fl-*Istrina*.
- Issa ma nistgħux ngħidu li l-Maltin qed jagħtu l-flus fl-*Istrina* jew fil-ġbir għad-Dar tal-Providenza biex jirbħu r-rigali...
- Taħseb li l-mod kif jiġu rrappreżentati n-nies fil-bżonn fir-ritratti u l-filmati waqt kampanji ta' ġbir ta' fondi juri nuqqas ta' rispett lejn id-dinjità tagħhom?
- Ġieli tajt sehmek fix-xogħol volontarju li jsir f'kampanja ta' ġbir ta' fondi?
- Ngħinu lin-nies fil-bżonn... imma anki lir-refuġjati f'Malta?

# It-Tqala fost l-Istudenti fis-Sekondarja u fl-Iskejjel Postsekondarji

- Għaliex ikun hemm tfajliet li jinqabdu tqal meta jkunu għadhom studenti fis-sekondarja jew fil-kulleġġi postsekondarji?
- Għax ma jaraw xejn mhux tas-soltu fi tqala bikrija bħal din?
- Jew għax hemm nuqqas ta' tagħlim fost il-ġuvintur u t-tfajliet tas-sekondarja fejn jidħol is-sess?
- X'taħseb li huma s-sitwazzjonijiet li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom it-tfajliet u l-ġuvintur minħabba t-tqala bikrija?
- Taħseb li t-tfajliet li jinqabdu tqal iħossuhom emarġinati? Jew jiġri eżattament bil-maqlub, għax jiġbdu l-attenzjoni ta' sħabhom?
- Jista' jkun li l-ġenituri ta' sħabhom ma jiħdux pjaċir li jkun hemm tfajliet tqal fil-klassi jew fl-iskola?

- X'inhuma r-responsabilitajiet li jridu jerfgħu l-ommijiet u l-missirijiet adolexxenti jew żgħażagħ meta jġibu tarbija fid-dinja? Huma responsabilitajiet differenti minn dawk ta' ġenituri "normali"?
- Sħabhom kif jistgħu jgħinuhom lil dawn l-ommijiet u l-missirijiet żgħar fl-età?
- **Fatt attwali**: L-akbar problema għall-ommijiet żgħażagħ li qed irabbu waħedhom hija l-faqar, mhux il-fatt li l-"missier mhux magħruf."
- Il-ġenituri għandhom jgħinu lil uliedhom li jsiru ġenituri meta jkunu għadhom l-iskola sekondarja jew postsekondarja, jew għandhom iħalluhom jerfgħu r-responsabbiltà tal-għażliet tagħhom waħedhom?
- Il-ġenituri żgħażagħ għandhom dritt għal-libertà u d-divertiment (ħruġ, eċċ.), imma sa fejn jasal dan id-dritt? Iridu jkunu wkoll ġenituri responsabbli? Kif?
- Minkejja l-enfasi fuq l-edukazzjoni sesswali, il-każi ta' tqala bikrija donnhom qed jiżdiedu. Għaliex?
- X'inhu s-sehem tan-nanniet f'din is-sitwazzjoni?
- L-abort huwa soluzzjoni li ta' min bniedem jikkunsidraha? Għaliex?

## L-Ilma f'Malta: Riżorsa Limitata

- F'pajjiżna t-tema tal-provvista u l-kwalità tal-ilma hija dejjem attwali, għax Malta għandha popolazzjoni kbira ħafna għad-daqs tagħha u r-riżorsi tal-ilma limitati ħafna.
- Barra minn hekk, mal-popolazzjoni ġa kbira wisq ta' aktar minn 420,000 ruħ, jiżdiedu aktar minn miljun turist u turista li jżuru Malta matul is-sena kollha, speċjalment fl-erba' xhur tas-sajf, jiġifieri fil-perjodu meta l-iktar li jintuża l-ilma u meta ma tagħmilx xita.
- X'nistgħu nagħmlu biex nieħdu ħsieb din ir-riżorsa tant importanti għall-għajxien tal-bnedmin u n-natura?
- X'nistgħu nagħmlu biex ma naħlux l-ilma u biex nużaw l-ilma sew, ngħidu aħna, iktar minn darba?
- Taf li llum jeżistu sistemi ta' riċiklaġġ tal-ilma fil-lukandi stess, u anki fid-djar?
- **Fatt attwali**: Kważi nofs l-ilma fid-djar Maltin u Għawdxin (45%) li tipproduċi l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ġej mill-ilma tal-pjan, mill-ilma li jinġema' taħt il-blat.
- L-esperti jgħidu li ħafna mill-ilma tal-pjan qed jittella' mingħajr kontroll ta' xejn, u meta jittella' iktar ilma milli suppost tonqos ħafna l-provvista u l-kwalità tal-ilma li jittella'.
- Il-bqija tal-ilma tiġi mill-impjanti tad-desalinizzazzjoni tal-ilma, tar-*reverse osmosis*, li jbiddlu l-ilma baħar minn ilma mielaħ għal ilma ħelu.
- Għaliex din mhix soluzzjoni sempliċi jew irħisa? (Minħabba l-ispiża kbira tal-elettriku biex jitħaddmu dawn l-impjanti.)
- L-eluf ta' spieri (*boreholes*) illegali taħseb li għandhom jingħalqu?
- L-użu tal-ilma ħelu fil-pixxini tqisu bħala problema?

**IM22o1k.13m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 8 ta' April 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Id-Dar Ideali Tiegħek

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 8 ta' April 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Ir-Rwol tar-Reliġjon f'Soċjetà li Dejjem Tinbidel

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 8 ta' April 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-Attività Fiżika u l-Ikel li Nieklu

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 9 ta' April 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Taħseb li n-Nisa għandhom Inqas Opportunitajiet mill-Irġiel f'Malta, Speċjalment fuq il-Post tax-Xogħol?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o2k.13m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 9 ta' April 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-Faqar Materjali f'Malta

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o2k.13m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 9 ta' April 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Skejjel Kbar u Skejjel Żgħar fil-Livell Sekondarju u fil-Livell Postsekondarju

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 10 ta' April 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Metodi Ġodda ta' Tnissil Uman

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o3k.13m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 10 ta' April 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-Istazzjonijiet Nazzjonali tax-Xandir

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o3k.13m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 10 ta' April 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-Karnival Ideali Tiegħek

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22o4k.13m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**MEJJU 2013**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 11 ta' April 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-Ġbir tal-Fondi għall-Karità fil-Gżejjer Maltin

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o4k.13m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 11 ta' April 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# It-Tqala fost l-Istudenti fis-Sekondarja u fl-Iskejjel Postsekondarji

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IM22o4k.13m

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
MEJJU 2013

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 11 ta' April 2013 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-Ilma f'Malta: Riżorsa Limitata

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.